KUNSILL LOKALI KALKARA
KALKARA LOCAL COUNCIL

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

7 LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 6.19

Il-Tlieta 25 ta' Gunju 2019

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana- Kunsilliera
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

***Ma Kienx hemm***

**ASSENTI**

Paul Bongailas - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

1 / 2, BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI IL-KALKARA KKR 1330
Tel. No: 00356 2166 5500
Email: kalkara.lc@gov.mt
Facebook: Kalkara Local Council

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

6.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

***Is-Sur Paul Bongailas skuża ruħu formalment illi ma setax jattendi minħabba l-fatt illi ma jiflaħx.***

6.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

6.2.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f 'Gunju 2019.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier s-Sur Christopher Bruno

6.3A 1 **Komunikazzjoni mis-Sindku :**

Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop reġgħet tenniet dak li qalet fix-xahar li għadda fejn reġgħet irringrazzjat il-Kunsill kollhu avolja mhux dejjem kien hemm qbil fejn fil-fehma tagħha allinqas l-istess Kunsill prova jaħdem għal aħjar tal-istess lokal.

Is-Sinjura Chircop irringrazzjat bil qalb lill-uffiċċju amministrattiv li jinkludi s-Seg Eżek kif ukoll it-team tagħha flimkien mal-ħaddiema ta' manutenzzjoni kif ukoll ħaddiema tar-Reġjun mislufin lilna għal aktar għajnuna fuq manutenzzjoni għal tisbiħ tal-Lokal tal-Kalkara.

Hija għalqet billi tgħid illi tispera u tawgura lill-Kunsill elett ġdid aktar ħidma pożittiva lejn dan il-lokal tant għal qalb l-istess Kunsill.

Is-Sinjura Maria Sultana rringrazjat lis-Sinjura Sindku tal-ħidma tagħha matul dawn is-sitt snin kif ukoll żiedet tgħid illi hija xi ħaġa sabiħa li ser jitkompla x-xogħol li tħalla jew imbeda minn din il-leġislatura peress li l-maġġoranza eletti huma l-istess nies li kienu involuti fis-snin ta' qabel .

Is-Sur Chris Bruno qabel ma dak kollu li intqal hawn fuq kif ukoll qal illi tajjeb li wieħed jitgħallem mill-iżbalji u jkompli jaħdem għal aħjar Kunsill possibli fi

snin li ġejjin.

Is-Sur Vince Bongailas żied jgħid illi fil-verit'a għalih ma inbidel xejn , it-team kien tajjeb u ser jibqa' tajjeb anzi jħossu pożittiv li ser jitjieb għal ġid tal-lokal tal-Kalkara.

Is-Sinjura Sultana fuq nota oħra flimkien mal-kunsilliera innutat l-inċident li ġara aktar kmieni dan ix-xahar fejn itajjar ħaddiem tal-Kunsill il-Bajja tar-Rinella sfortunatament fejn ġie maqbul illi tkun xi ħaġa sabiħa li bħala kunsill tintbgħatlu kartolina kif ukoll 'hamper' żgħir bħala kumpliment u dispjaċir fl-istess ħin ta' dak li ġralu. Is-Sinjura Sultana żiedet tgħid illi tajjeb li wieħed jieħu l-prekawzjonijiet kollha neċessarji biex inċident bħal dan ma jerġax jiġri fuq ħadd.

## 6.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

6.4.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 6.19 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 6.5 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

6.5.1 Il-laqgħa intemmet fis - 6 ta' filgħaxija wara li ġiet eżawrita l-agenda u ġiet aġġornata sine die.

Konfermati, illum it-Tlieta 25 ta' Ġunju 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop | Elaine Caruana |

Sindku Segretarju Eżekuttiv